# Paġna Fratellanza

minn
*Joe Mizzi*



Għaddiet sena oħra minn meta ħriġna l-edizzjoni tal-Festa ta' San Ġużepp fejn iż-żmien ġabilna ħafna memorji, kemm sbieħ kif ukoll oħrajn ta' swied il-qalb. Issa ser nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-avvenimenti li għaddejna minnhom minn wara l-festa li għaddiet.

Il-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tas-sena 2004 kienet waħda speċjali għax fiha l-parroċċa wasslet fit-tmiem il-festi li mmarkaw il-150 sena mill-proklamazzjoni tad-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, għeluq il-ħamsin anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni tax-xbieha devota li għandna fis-Santwarju. Fis-sena 2005 iċċelebrajna għeluq il-ħamsin anniversarju minn meta beda jsir il-pellegrinaġġ bil-muturi u aktar tard bil-karozzi mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu lejn is-Santwarju ta' l-Immakulata. Għal din il-festa kellna x-xorti li għall-ewwel darba nilqgħu fostna lill-E.T. Mons. Mario Grech, bħala l-Isqof maħtur tad-djoċesi Għawdxija. Kontra dak mistenni, kien ser jkun il-Kappillan tal-parroċċa ta' Kerċem li jmexxi it-tliet ijiem tan-novena, iżda ftit tal-jiem qabel il-Papa Benedittu XVI għoġbu jaħtru ragħaj spiritwali tagħna. Ilkoll għożżejna dak li l-Isqof qasam magħna: il-ħsibijiet u t-tagħlim tal-Knisja dwar l-Immakulata. Imbagħad wara l-quddiesa l-Isqof Mario iltaqa' u kellem b'mod personali anki għal ftit minuti lil kull persuna li kienet preżenti l-knisja dak in-nhar. Minn din il-paġna aħna l-fratelli nsellmnu minn qalbna lill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi l-Isqof Emeritu t'Għawdex tas-servizz li ta lill-parroċċa tagħna kif ukoll lil Għawdex kollu, filwaqt li nixtiequlu għomor twil.

Wara l-ingress ta' kull Isqof, imbagħad jkun jmiss li bħala r-ragħaj il-ġdid tad-djoċesi jibda jżur il-parroċċi taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu. Fil-fatt iż-żjara li għamel fil-parroċċa tagħna kienet bejn is-16 u 18 ta' Marzu 2006. Bħala iben dehen ta' dan ir-raħal, fejn ra l-ewwel raġġ ta' dawl u fejn aktar tard ġie mgħammed, huwa ngħata merħba kbira u mistħoqqha. Dawn it-tliet ijiem kienu mpenjattivi

b'diversi laqgħat m'għaqdiet differenti. Fi tmiem iż-żjara tiegħu fostna, saret konċelebrazzjoni solenni bis-sehem tas-saċerdoti tal-parroċċa kif ukoll tal-fratellanza ta' San Ġużepp. Wara ngħata xi rigali li ġew maħduma minn nies tar-raħal kif ukoll salib pettorali mill-isbaħ bħala tifkira għażiża taż-żjara tiegħu fostna.

Peress li kien żmien ir-Randan, minnufih bdew it-tħejjijiet għal wieħed mill-avvenimenti l-kbar tar-raħal tagħna, dak tal-Via Sagra fil-beraħ. Ta' min jgħid li din is-sena ħarġet l-ewwel darba fil-purċissjoni, l-istatwa tar-Redentur tal-Qala. Nhar Ħamis ix-Xirka imbagħad fil-funzjoni kellna 12-il żagħżugħ (kollha plejers tal-futbol) li rrappreżentaw l-appostli fil-ħasil tar-riġlejn.

Wara l-festi tal-Għid, il-fratellanza tagħna ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Madonna ta' Fatima fejn din is-sena saret lejn Triq Federico Barocci. Hemm saret ukoll il-quddiesa ta' l-għeluq. Imbagħad fix-xahar ta' Mejju l-fratellanza tagħna ħadet sehem ukoll fil-purċissjonijiet Ewkaristiċi kif ukoll dik tal-festa tal-Qalb ta Ġesù.

F'għeluq l-ewwel sena mill-wasla ta' l-istatwa tar-Redentur tal-Qala fostna, fil-parroċċa sar pellegrinaġġ ta' tifkira li telaq mis-Santwarju Nazzjonali ta' l-Immakulata Kunċizzjoni bis-sehem tal-fratellanza tal-Kurċifiss ta' l-Isla. Għal din l-istess okkażjoni ta' l-ewwel anniversarju, tpoġġiet raġġiera tal-fidda mastizz fuq ir-ras ta' l-istatwa.

Għalina l-fratelli u l-poplu tal-Qala, ix-xahar ta' Ġunju kien wieħed ta' niket u telfa. F'dan iż-żmien soffrenja t-telfa ta' Raymond Teuma li għalkemm ma kienx fratell regolari, kien iħobb jieħu sehem fil-Via Sagra li ssir fir-raħal ta' kull sena. Is-sena 2004 kienet l-aħħar darba li fiha ħa sehem u refa' fl-istatwa tad-Duluri.

Ftit jiem jiem wara tħabbret it-telfa tas-saċerdot maħbub Dun Ġużepp Vella mill-parroċċa tagħna. Kien qassis li dejjem u f'kull ħin, ħadem biex jgħin lil ħaddieħor. Dun Ġużepp barra li kien ministru t'Alla, kellu bosta u bosta talenti u kwalitajiet sbieħ. Frażi li żgur li kienet toqgħodlu kienet 'dak li jaraw għajnejh jagħmluh idejh'. Grazzi Raymond, grazzi Dun Ġużepp għal dak kollu li tajtu lir-raħal tagħna. J'Alla jitrawmu nies ta' kuraġġ u dedikazzjoni bħalma kienu dawn it-tnejn. Minn din il-paġna, f'ismi u f'isem il-fratelli sħabi nixtieq l-kondoljanzi sinċiera lill-familjari, qraba u ħbieb kemm ta' Raymond kif ukoll ta' Dun Ġużepp Vella, kif ukoll ta' dawk kollha li sofrew xi telfa ta' xi ħadd għażiż għalihom matul din is-sena.

Għalkemm f'din is-sena kellna ftit minn kollox, ilkoll kemm aħna rridu nibqgħu nitfgħu ħarsitna 'l quddiem, inwarrbu d-deni filwaqt li nfittxu li nagħmlu l-ġid ma' kulħadd.

***Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.***

